32007L0012

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/12/KE

tas-26 ta' Frar 2007

li temenda ċertu annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi tar-residwi għall-penconazole, il-benomyl u l-carbendazim

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f), tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 91/414/KEE, l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni ta' pjanti għall-użu fuq ħxejjex speċifiċi huma responsabbiltà ta' l-Istati Membri. Awtorizzazzjonijiet ta' dan it-tip għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni ta' l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-influwenza fuq l-ambjent. Elementi li jridu jitqiesu f'dawn il-valutazzjonijiet jinkludu l-esponiment ta' l-operaturi u ta' persuni fil-qrib u l-impatt fuq l-ambjenti ta' l-art, l-ilma u l-arja, kif ukoll l-impatt fuq il-bnedmin mill-konsum ta' residwi fuq ħxejjex li jkunu ġew ittrattati.

(2) Il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi ta' pestiċidi għall-protezzjoni effettiva tal-pjanti, li jiġu applikati b'tali mod li l-ammont ta' residwu jkun l-iżgħar ammont prattikabbli u tossikoloġikament aċċettabbli, partikolarment fit-termini ta' stima ta' konsum fid-dieta.

(3) L-MRLs għall-pestiċidi koperti mid-Direttiva 90/642/KEE għandhom jinżammu taħt reviżjoni u jistgħu jiġu mmodifikati sabiex jiġu kkunsidrati użi li ġew mibdula jew użi ġodda. Informazzjoni dwar użu ġdid jew bidla fl-użu ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni li se twassal għal bidliet fil-livelli residwi tal-penconazole, benomyl u l-carbendazim.

(4) L-esponiment tul il-ħajja tal-konsumaturi għal dawk il-pestiċidi permezz ta' prodotti alimentari li jista' jkun fihom ir-residwi ta' dawk il-pestiċidi, ġie assessjat u valutat skond il-proċeduri u l-prassi użati fi ħdan il-Komunità, b'kunsiderazzjoni tal-linji ta' gwida maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa [3].

(5) Fil-każ tal-benomyl u l-carbendazim li għalihom teżisti doża ta' referenza akuta (ARfD — Acute Reference Dose), l-esponiment akut tal-konsumaturi permezz ta' kull wieħed mill-prodotti alimentari li għandhom imnejn ikun fihom residwi ta' dawn il-pestiċidi ġie assessjat u evalwat skond il-proċeduri u l-prassi użati attwalment fi ħdan il-Komunità, b'kunsiderazzjoni tal-linji ta' gwida maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. L-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, b'mod partikolari l-pariri u r-rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-konsumaturi mill-prodotti alimentari trattati bil-pestiċidji [4], ġew ikkunsidrati. Skond dik il-valutazzjoni tal-konsum fid-dieta, l-MRLs għal dawk il-pestiċidi għandhom jiġu stipulati sabiex ikun żgurat li ma jinqabiżx l-ARfD. Fil-każ tas-sustanzi l-oħrajn, il-valutazzjoni ta' l-informazzjoni disponibbli wriet li l-ebda ARfD mhi meħtieġa u li għaldaqstant mhix neċessarja valutazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir.

(6) Fil-każ ta' l-MRLs ġodda għaċ-ċitru għall-benomyl u l-carbendazim l-applikant impenja ruħu li jforni *data* addizzjonali meħtieġa sa Diċembru 2007. Id-*data* diġà disponibbli turi li l-MRL propost huwa sigur għall-konsumaturi.

(7) Fil-każ li l-użi awtorizzati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirriżultawx f'livelli li jistgħu jiġu osservati ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa jew fuq prodott ta' l-ikel, jew fejn l-użi li jkunu ġew awtorizzati mill-Istati Membri ma jkunux ġew sostnuti bid-data meħtieġa, jew fejn użi f'pajjiżi terzi li jirriżultaw f'residwi ġewwa jew fuq prodotti

[1] ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE (ĠU L 311, 10.11.2006, p. 31).

[2] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/6/KE (ĠU L 43, 15.2.2007, p. 13).

[3] Linji Gwida għat-tbassir tal-konsum djetetiku ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), mħejjija mill-GEMS/Programm ta' Ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex fuq ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

[4] L-opinjoni tirrigwarda l-kwistjonijiet konnessi ma' l-emendar ta' l-annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE (Opinjoni espressa mill-SCP, l-14 ta' Lulju 1998); L-opinjoni tirrigwarda r-residwi tal-pestiċidi varjabbli fil-frott u l-ħxejjex (Opinjoni espressa mill-SCP nhar l-14 ta' Lulju 1998) http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/scp/outcome_ppp_en.html

alimentari li għandhom mnejn jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq Komunitarju ma jkunux ġew sostnuti bit-tali informazzjoni meħtieġa, l-MRLs għandhom jiġu ffissati fil-livell l-iktar baxx ta' l-osservanza analitika.

(8) Għalhekk huwa xieraq li jiġu ffissati MRLs ġodda għal dawk il-pestiċidi.

(9) Id-Direttiva 90/642/KEE għandha għalhekk tkun emendata għal dawn ir-ragunijiet.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE huwa emendat b'konformità ma' l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mis-27 ta' Awwissu 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mit-28 ta' Awwissu 2007.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dawn id-dispożizzjonijiet għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandha ssir referenza għal din id-Direttiva meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE huwa emendat kif ġej: F'parti A, il-kolonni għall-penconazole, il-benomyl, u l-carbendazim għandhom jiġu sostitwiti b'li ġej:

	Pesticide residue and maximum residue level (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Penconazole	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim
"1. **Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippriservat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġwież**		
(i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU	0,05 (*)	0,5 (t)
Grejpfrut		
Lumi		
Lajm		
Mandolin (inkluzi l-klementini u ibridi oħra)		
Larinġ		
Pomelos		
Oħrajn		
(ii) ĠWIEŻ TAS-SIĠAR (TREE NUTS) (bil-qoxra jew mingħajrha)	0,05 (*)	0,1 (*)
Lewż		
Ġewż tal-Brażil		
Kexjus jew ġwież ta' l-anakardju		
Qastan		
Ġewż ta' l-Indi		
Ġellewż		
Makadamja		
Ġwież tal-Pekan		
Ġwież ta' l-arznu (pine nuts)		
Pistaċċi		
Ġewż		
Oħrajn		
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA (POME FRUIT)	0,2	0,2
Tuffieħ		
Lanġas		
Sfarġel		
Oħrajn		

	Pesticide residue and maximum residue level (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Penconazole	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA		
Berquq	0,1	0,2
Ċiras		0,5
Ħawħ (inkluż n-nuċiprisk u ibridi simili)	0,1	0,2
Għanbaqar		0,5
Oħrajn	0,05 (*)	0,1 (*)
(v) FROTT ŻGĦIR		
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	0,2	
Għeneb tal-mejda		0,3
Għeneb ta' l-inbid		0,5
(b) Frawli (għajr dak selvaġġ)	0,5	0,1 (*)
(c) Frott tal-qasab (għajr dak selvaġġ)	0,05 (*)	0,1 (*)
Tut		
Dewberries		
Loganberries		
Lampun		
Oħrajn		
(d) Frott żgħir (għajr dawk selvaġġi)		0,1 (*)
Bilberries		
Cranberries		
Passolina (ħamra, sewda u bajda)	0,5	
Gooseberries		
Oħrajn	0,05 (*)	
(e) Frott u berries salvaġġi	0,05 (*)	0,1 (*)
(vi) OĦRAJN	0,05 (*)	
Avokado		
Banana		
Tamal		
Tin		

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Pesticide residue and maximum residue level (mg/kg)	
	Penconazole	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim
Kiwi		
Kumquats		
Litchis		
Mango		
Żebbuġ (konsum domestiku)		
Żebbuġ (estrazzjoni taż-żejt)		
Papaja		0,2
Passion fruit		
Ananas		
Rummien		
Oħrajn		0,1 (*)
2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfin		
(i) ĦXEJJEX F'SURA TA' TUBERI JEW GĦERUQ	0,05 (*)	0,1 (*)
Pitrava zokkrija		
Zunnarija		
Cassava		
Krafes		
Mustarda użata għaz-zalza		
Qaqoċċ		
Zunnarija bajda		
Għeruq tat-tursin		
Ravanell		
Sassefrika		
Patata ħelwa		
Swedes		
Pjanta tal-ġenus Brassica		
Jam		
Oħrajn		
(ii) ĦXEJJEX F'SURA TA' BASAL	0,05 (*)	0,1 (*)
Tewm		
Basal		

	Pesticide residue and maximum residue level (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Penconazole	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim
Basal li jikber bħala għanqud li jissejjaħ Shallots		
Tip ta' basal li jissejjaħ Spring onions		
Oħrajn		
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA		
(a) Solanacea		
Tadam	0,1	0,5
Bżar	0,2	
Brunġiel	0,1	0,5
Okra		2
Oħrajn	0,05 (*)	0,1 (*)
(b) Għerq tal-qara' tal-fliexken — tal-qoxra li tittiekel	0,1	0,1 (*)
Ħjar		
Gherkins		
Qarabali		
Oħrajn		
(c) Għerq tal-qara' tal-fliexken tal-qoxra li ma titti-kilx	0,1	0,1 (*)
Bettiħ		
Ħxejjex li jissejħu squashes		
Dulliegħ		
Oħrajn		
(d) Qamħirrum	0,05 (*)	0,1 (*)
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA	0,05 (*)	
(a) Brassica li tagħmel il-fjuri		0,1 (*)
Brokkli (inkluża il-Calabrese)		
Pastard		
Oħrajn		
(b) Brassica bir-ras		
Kaboċċi ta' Brussell		0,5
Kaboċċi tar-ras		

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Pesticide residue and maximum residue level (mg/kg)	
	Penconazole	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim
Oħrajn		0,1 (*)
(c) Brassica bil-weraq		0,1 (*)
Kaboċċa taċ-Ċina		
Kale		
Oħrajn		
(d) Qarabali		0,1 (*)
(v) ĦXEJJEX LI JITTIEKLU L-WERAQ TAGĦHOM & ĦAXIX AROMATIKU FRISK	0,05 (*)	0,1 (*)
(a) Ħass u simili		
Krexxuni		
Ħass tal-ħaruf		
Ħass		
Scarole (endive tal-werqa wiesgħa)		
Insalata		
Weraq u zkuk tal-brassika		
Oħrajn		
(b) Spinaċi u simili		
Spinaċi		
Weraq tal-pitravi		
Oħrajn		
(c) Krexxuni ta' l-ilma		
(d) Witloof		
(e) Ħwawar		
Maxxita		
Kurrat salvaġġ		
Tursin		
Weraq tal-karfus		
Oħrajn		
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)	0,05 (*)	
Fażola (bl-imżiewed)		0,2
Fażola (mingħajr imżiewed)		
Piżelli (bl-imżiewed)		0,2
Piżelli (mingħajr imżiewed)		

	Pesticide residue and maximum residue level (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Penconazole	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim
Oħrajn		0,1 (*)
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)		0,1 (*)
Asparagu		
Kardun		
Karfus		
Bużbież		
Qaqoċċ	0,2	
Kurrat		
Rabarbru		
Oħrajn	0,05 (*)	
(viii) FAQQIEGĦ	0,05 (*)	0,1 (*)
(a) Faqqiegħ ikkoltivat		
(b) Faqqiegħ salvaġġ		
3. **Għażż**	0,05 (*)	0,1 (*)
Fażola		
Għazz		
Piżelli		
Lupini		
Oħrajn		
4. **Żrieragħ taż-żejt**	0,05 (*)	
Żerriegħa tal-kittien		
Karawett		
Żerriegħa tal-peprin		
Ġulġlien		
Żerriegħa tal-ġirasol		
Żerriegħa tal-lift		
Żerriegħa tas-sojja		0,2
Żerriegħa tal-mustarda		
Żerriegħa tal-qoton		
Żerriegħa tal-qanneb		
Oħrajn		0,1 (*)

	Pesticide residue and maximum residue level (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Penconazole	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim
5. **Patata**	0,05 (*)	0,1 (*)
Patata bikrija		
Varjazzjonijiet ta' patata		
6. **TE (weraq imnixxef u zkuk, iffermentati jew mod ieħor, *Camellia sinensis*)**	0,1 (*)	0,1 (*)
7. **Il-Ħopp (imnixxef), inklużi l-gerbub żgħir tal-ħopp u t-trab mhux ikkonċentrat,**	0,5	0,1 (*)

(*) Tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika.

(ł) Tindika li l-livell massimu ta' residwi ġie stabbilit b'mod temporanju sal-31 ta' Diċembru 2007 sakemm tasal data li trid tiġi sottomessa mill-applikant. Jekk ma tinkiseb ebda *data* sa dik id-data, l-MRL jiġi rtirat b'Direttiva jew Regolament."